MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1388/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Shaun Demicoli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shaun Demicoli**, ta' erbgha u tletin (34) sena, bin Lucio u Judith neé Nappa, imwieled Pietà fl-20 ta' April 1977, li joqghod 22, Triq il-Bieqja, Birzebbuga u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 220877(M), akkuzat talli:

1. fit-18 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-18:30hrs, gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont

il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u cioé fuq il-persuna ta’ PC 1226 Silvan Pulis;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioé fuq il-persuni ta’ l-istess ufficjali tal-Pulizija PC 1226 Silvan Pulis u PS 645 Gerald Attard;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1226 Silvan Pulis u dan kif iccertifikatu Dr. Charlene Scicluna MD 3139 mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, glied jew mod iehor u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

6. sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ PC 1226 Silvan Pulis u PS 645 Gerald Attard.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 80 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Priscilla Caruana** (*a fol.* 31 *et seq.*) dwar l-investigazzjonijiet redatti minnha rigward dak li gara fit-18 ta' Dicembru 2011 gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga. Tixhed li hadet stqarrija tal-imputat. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, l-iSpettur Priscilla Caruana ezebiet kopja ta' sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2009 (Dok. "X" – *a fol.* 57 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PS 645 Jerry Attard** (*a fol.* 34 *et seq.*) li qal li dakinhar tat-18 ta' Dicembru 2011 rcieva telefonata minn ghand PC 1226 li kien qallu li kien qalgha daqqa ta' ponn u li meta mar fuq il-post, PC 1226 indikalu lill-imputat li kien qed jghajjat u anke jidghi. Jispjega li ghall-ewwel l-imputat irrifjuta li jmur l-Ghassa izda mbaghad mar. Jispjega li fl-Ghassa nforma lill-imputat li hu kien arrestat u li l-imputat *"baqa jghajjat u jidghi gewwa l-Ghassa u hemm ghidtlu biex jidhol u beda jaqbadni mill-flok u jigbed fija u fl-ahhar dahal ukoll"* (*a fol.* 36). Jispjega wkoll li f'hin minnhom l-imputat kkwieta u ta daqqa ta' ponn fuq il-hajt.

In <u>kontro-ezami</u> *(a fol.* 66 *et seq.*), li sar fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, PS 645 qal li meta acceda fuq il-post sab lil PC 1226, lill-imputat u lil xi hbieb tieghu. Jghid li ma kellimx lin-nies l-ohra prezenti. Jghid li meta PC 1226 indikalu li kien l-imputat li kien tah daqqa ta' ponn, ma kellux bzonn ikellem lil dawn in-nies.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PC 1226 Silvan Pulis** (*a fol.* 38 *et seq.*) li spjega li dakinhar tat-18 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-6.15pm hareg *patrol* fil-Bajja s-Sabiha f'Birzebbuga fejn ra vettura pparkjata, li kellha n-numru TDI 017, fuq *parking* riservat ghall-persuni b'dizabilita', liema vettura ma kellhiex il-permess biex tipparkja hemm. Jispjega li waqt li kien qed jikteb it-*ticket*, sema' lil xi hadd jghid: *"ittiniex ticket. Stenn gej"* (*a fol.* 39). Jghid li hares lura u ma ra lil hadd. Jghid li sema lil xi hadd jidghi u hares warajh u ra persuna ticcaqlaq mill-gallarija tal-klabb tal-futboll ta' Birzebbuga. Wara ftit harget persuna, li kienet l-imputat, mill-klabb li beda jidghi u jghajjat. Jispjega li kif kompla jikteb it-*ticket*, l-imputat tah daqqa ta' ponn go wiccu (fuq in-naha tax-xellug) b'liema daqqa tajjarlu t-*ticket book* minn idu u l-beritta minn go rasu. Spjega li nforma lil PS 645 b'dak li kien gara u dan qallu li kien ser imur fuq il-post. Jispjega li l-imputat beda jsaqsieh jekk kienx cempel *"lis-Surgent Franky"* (*a fol.* 41) u li meta hu (PC 1226) ma wegbux, l-imputat rega tah daqqa ta' ponn fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu. Jixhed li meta PS 645 wasal fuq il-post, l-imputat kompla jghajjat u jidghi. Jghid ukoll li meta marru l-Ghassa tal-Pulizija, f'hin minnhom l-imputat hebb ghal PS 645 *"fejn beda jigbdu mill-flokk u min naha ta' fuq tal-jersey"* (*a fol.* 42). Jghid ukoll li f'hin minnhom l-imputat ta daqtejn ta' ponn gol-hajt tal-Ghassa.

In <u>kontro-ezami</u> *(a fol.* 62 *et seq.*), li sar fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, PC 1226 qal li kien qed jikteb it-*ticket* meta sehh l-akkadut. L-ewwel jichad li l-imputat kien qallu li kien ser icaqlaq il-vettura u mbaghad jikkonferma li l-imputat kien qallu hekk. Jghid li l-imputat beda jidghi u jghajjat. Jghid li meta mar ikellmu l-imputat, kien wahdu, imbaghad resqu xi nies. Mistoqsi jghid kemm kien hemm nies li resqu, jghid li m'huwiex cert ghax diga kien qala' daqqa ta' ponn u ma kienx qed jaghti kaz kemm resqu nies lejh. Jghid li n-nies bdew izommu lill-imputat. Jichad li dawn in-nies kienu diga vicin meta kienu hu u l-imputat. Ma jaghrafx min kienu dawn in-nies u li minkejja li ppruvaw jistharrgu min kienu dawn in-nies pero ma rnexxielhomx. Jichad li kienu resqu lejh dawn in-nies

meta qala’ d-daqqa. Jichad ukoll li gie milqut meta kienu qed iferquhom in-nies.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2012, xehed ukoll **Paul Busuttil** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qal li kien ghaddej bil-vettura u ra argument bejn pulizija u persuna. Jghid li ma sema xejn u ma setgha jaghraf lil hadd.

In kontro-ezami *(a fol.* 70 *et seq.*), li sar fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2012, Busuttil jghid li ma waqafx bil-vettura tieghu.

Illi, fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2012, xehdet **Dr. Charlene Scicluna** (*a fol.* 49 *et seq.*) dwar certifikat mediku mmarkat bhala Dok. “CS 1” (*a fol.* 52; *a fol.* 6). Tghid li ezaminat lil PC 1226 Pulis li kellu nefha u ugiegh fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccu u ugigh fuq in-naha tal-lemin ta’ wiccu.

In kontro-ezami tghid li minn dak li kitbet fuq ic-certifikat mediku rilaxxat minnha kien hemm *slight tenderness* u *bruising*. Mistoqsija rigward il-fatt li fic-certifikat mediku hemm indikat li l-griehi kienu *“slight save complications”*, tispjega li fil-mument li ezaminat lil PC 1226 il-griehi kienu hfief.

Illi, fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2012, xehed ukoll **PC 829 Alan Dougall** (*a fol.* 33 *et seq.*) li spjega li hareg flimkien mas-Surgent u li setgha jara lil PC 1226 jargumenta mal-imputat. Jispjega li l-imputat mar l-Ghassa maghhom u li meta pruvaw idahlu (hu u PS 645) lill-imputat fic-cella, l-imputat imbotta lis-Surgent ukoll. Jghid li l-imputat beda jargumenta u beda jghid li ma kien ghamel xejn hazin.

Illi, fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2012, xehed **l-imputat Shaun Demicoli** (*a fol.* 73 *et seq.*) u qal li kien fil-Kazin tal-futboll ta’ Birzebbuga flimkien ma’ xi hbieb u persuna qaltilhom li kienu qed jaghtu t-*tickets*. Jghid li ttawwal mill-gallarija ghax kien fuq il-parkegg rizervat ghad-*disabled* u jghid li anke hu ghandu seba’ fil-mija dizabilita’ pero jghid li m’ghandux *sticker*. Jghid li ghajjat lil Pulizija li kien qed jaghti c-citazzjoni u qallu li kien ser inehhi l-vettura u li

sakemm nizel, il-Pulizija kien diga qed jikteb ic-citazzjoni. Jghid li x’hin nizel hdejn il-Pulizija kien hemm diga madwar tlett persuni li jahseb li kellhom il-vettura pparkjata. Jghid li f’hin minnhom *“dawn bdew jargumentaw”* (*a fol.* 74) u li kienu marru aktar nies u qabad it-*ticket*, hadu minn id il-Pulizija u waqqalu l-ktieb u telaq l-hemm u fil-pront marru l-Pulizija ghalih. Jichad li ghamel xi haga lill-imputat. Jghid biss li ha c-citazzjoni. Jichad li refa’ idejh fuq il-Pulizija. Jichad ukoll li laqghat lill-Pulizija. Jghid li ngemghu n-nies u resqu aktar qrib il-Pulizija u spiccaw jargumentaw mieghu. Jghid li aktar tard mar is-Surgent u qallu li kien arrestat u li hu mar minn jeddu l-Ghassa u jghid li cahad li kien ta’ daqqa lil Pulizija u jghid li ma riedx jidhol goc-cella.

In <u>kontro-ezami</u> ghall-mistoqsija jekk dawn in-nies kollha li kienu mdawrin pruvawx iwaqqfu lilu milli jkompli jaghti lil Pulizija, wiegeb: *“Qas biss nafhom lil dawk in-nies li kien hemm. Kieku semmejthom kienu jitilghu xhud. Hbieb tieghi”* (*a fol.* 75).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (*a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat jghid l-istess affarijiet bhal ma xehed quddiem il-Qorti, hlief ghall-fatt li rigward it-*ticket book*, meta mistoqsi: *“Int qed tghid li meta kien qed itik it-ticket dan qabad u tefgha l-ktieb gol-haxix, ghalfejn qed tghid hekk?”,* wiegeb: *“Jien ma nafx jekk tefghux hu jew tefghulu”*.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-Prosekuzzjoni tishaq li kien l-imputat li attakka lil PC 1226 Silvan Pulis meta dan kien qed jaghti t-*ticket*, id-difiza tishaq li, minhabba li l-imputat jichad li f’xi hin mess lil PC 1226, jezistu zewg verzjonijiet differenti li joholqu dubju li ghandu jiffavorixxi lill-imputat.

Illi dak li nghad fil-paragrafu precedenti ser jigi ezaminat qabel il-Qorti tghaddi biex tevalwa l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (deciza fit-2 ta' Frar 2012), **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013**).**

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzzjoni illi x-xiehda moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-

konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari ta' PC 1226 Silvan Pulis, u tal-imputat fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu, fosthom il-fatt li PC 1226 gharaf lill-imputat bhala l-persuna li tatu daqqtejn. Minkejja t-tentattiv tad-difiza sabiex mill-kontro-ezami li sar minnha lil PC 1226 Silvan Pulis tittenta tohrog li fil-hin li l-imputat mar ikellem lil PC 1226 dan ma kienx wahdu, dan ma rnexxiex u dana *stante* li PC 1226 zamm sod u kien konvincenti meta huwa ghal darba darbtejn qal li n-nies li marru fuq il-post ma kienux ghadhom resqu lejh meta qala' d-daqqa. Ma jirrizultax li PC 1226 qala' xi daqqa minn xi hadd iehor hlief mill-imputat!

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu 96 ghandu wkoll bhala vittma, bhal Artikolu 95, l-ufficjal pubbliku pero jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *“persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku”*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar ’il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta’ dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: “*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*.”

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

“Dana l-artikolu (b’riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku” (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku “tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – “waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz”.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat ta daqqtejn fuq iz-zewg nahat tal-wicc ta’ PC 1226 Silvan Pulis meta kien qed jaqdi dmirjietu. Apparti dan, f’wahda mid-daqqiet li l-

imputat xejjer lil PC 1226, spicca tajjar it-*ticket book* minn id PC 1226 u l-beritta minn go rasu. M'hemmx dubju li t-tlitt (3) elementi essenzjali ghal kostituzzjoni tar-reat kkontemplat taht Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 gew sodisfatti. Ghaldaqstant, ghandha tinstab htija tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-ingurji kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure

quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."

Illi, kif diga nghad, PC 1226 Silvan Pulis qala' daqqtejn fuq wiccu mill-imputat u skond ic-certifikat mediku (*a fol.* 6 u Dok. "CS 1" – *a fol.* 52) rilaxxat minn Dr. Charlene Scicluna u skond ix-xiehda moghtija minnha (*a fol.* 49 *et seq.*) il-feriti ta' PC 1226 gew klassifikati bhala hfief. Minkejja li fic-certifikat mediku hemm indikat *"save complications"*, ma jirrizultax li kien hemm xi

komplikazzjonijiet. Jirrizulta wkoll li meta l-imputat mar l-Ghassa, dan baqa' jghajjat u jidghi u spicca qabad mal-flok ta' PS 645 Gerald Attard u jigbed fih. Jirrizulta wkoll li f'hin minnhom l-imputat ta anke xi daqqa ta' ponn fuq il-hajt tal-Ghassa. PC 829 Alan Dougall xehed fuq l-istess linji. M'hemmx dubju li anke t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Ferita ta' Natura Hafifa)**:
Illi jirrizulta li PC 1226 Silvan Pulis qala' daqqtejn fuq wiccu mill-imputat: wahda fuq il-lemin u ohra fuq ix-xellug. Dan jirrizulta wkoll mic-certifikat mediku (*a fol.* 6 u Dok. "CS 1" – *a fol.* 52) rilaxxat minn Dr. Charlene Scicluna u mix-xiehda moghtija minnha (*a fol.* 49 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-feriti gew klassifikati bhala hfief. Minkejja li fic-certifikat mediku hemm indikat *"save complications"*, ma jirrizultax li kien hemm xi komplikazzjonijiet. Ghaldaqstant, anke t-tielet (3) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni –**
**(Nuqqas ta' ubbidjenza ghall-ordnijiet legittimi tal-Pulizija**
**Ksur tal-Bon Ordni u Paci Pubblika u Uzu ta' Kliem Oxxen)**:
Illi jirrizulta li l-imputat ma obdiex lil PS 645 Gerald Attard meta dan qallu li kien arrestat tant li meta gie biex jidhol fic-cella, l-imputat beda jargumenta. Jirrizulta wkoll mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni li l-imputat beda jghajjat u jidghi. Ghaldaqstant, ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Dawn ser jitqiesu assorbiti fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) imputazzjonijiet *ai fini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni –**
**(Recidiva)**:
Illi in kwantu jirrigwarda is-sitt (6) imputazzjoni, fejn l-imputat qed jinghata l-addebitu tar-recidiva, il-

Prosekuzzjoni esebiet kopja ta’ sentenza, li giet immarkata bhala Dok. “X” (*a fol.* 57 *et seq.*), liema sentenza, ghalkemm tirreferi ghad-data qabel it-18 ta’ Dicembru 2011, ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta’ recidiva ghaliex l-imputat nghata *conditional discharge ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistghax jigi dikjarat recidiv *ai termini* ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk l-imputat ghandu jigi liberat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet kollha hlief ghas-sitt (6) imputazzjoni gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputati u li gew pruvati, il-fedina penali tal-imputat (li mhijiex wahda nadifa tant li anke gie misjub hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq persuna) u l-fatt li l-Ufficjali tal-Pulizija, b’mod partikolari PC 1226 Silvan Pulis, kienu qeghdin jaghmlu xogholhom dakinhar tat-18 ta’ Dicembru 2011.

Illi l-imputat ghandu jitghallem darba ghal dejjem li ghandu jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu u mhux jiehu tieghu minn fuq kif gara fil-kaz odjern meta avolja kien jaf li ma setghax jipparkja fil-*parking* rizervat ghall-persuni b’dizabilita’ u minkejja li huwa ma kellux il-*blue sticker* (minkejja li jghid li huwa ghandu dizabilita’) huwa xorta pparkja fil-*parking* in kwistjoni u litteralment rvilla meta rrealizza li kien qed jinghata *ticket*! Mhijiex skuza lanqas li l-imputat qal lill-Pulizija li kien ser inehhi l-vettura minn fejn kienet ghax jekk *parking* huwa rizervat ghal persuni b’dizabilita’ ghandu jibqa’ liberu ghal tali persuni li jkunu ntitolati jipparkjaw f’tali post.

Illi l-Qorti thoss li ghandha tibghat messagg lis-socjeta’ li l-atteggjament *da parte* tal-imputat dakinhar tat-18 ta’ Dicembru 2011 ma kienx wiehed accettabbli u ghandu jigi

censurat. Il-Pulizija qieghda hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza' tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-Ligi. Il-Pulizija ghandha d-dmir ukoll li tara li l-ligijiet tal-pajjiz jigu rispettati. Il-Qorti ghandha tinkoraggixxi lill-ufficjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia et**, deciza fit-8 ta' Novembru 2012, fejn inghad is-segwenti:

"Il-Qorti tagħmilha ċara li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom u ħadd m'huwa skużat – tkun xi tkun ir-raġuni – li jhedded li xi uffiċjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweġġgħu.

Ordni tal-Pulizija għandha tkun obduta mal-ewwel u għandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett għandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun daħlet imqar naqra tensjoni – tista' tkun logħba futbol jew ċelebrazzjoni waqt festa. L-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 jgħoddu għal kwalunkwe post u żmien u dawn l-artikoli qatt u fl-ebda okkażjoni m'hemm sospensjoni tagħhom".

Illi l-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni moghtija minnha fit-23 ta' Lulju 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Mamo**[1] meta ntqal hekk:

[1] L-incident mertu ta' din il-kawza beda meta s-Surgent Cassar gibed l-attenzjoni ta' xi zghazagh li kienu biz-zwiemel li l-post fejn kienu, billi kien traffikuz, ma kienx indikat ghal dik l-attivita`. L-appellat Mamo – missier wiehed miz-zghazagh – deherlu li s-Surgent ma kellux ghalfejn jiccensura lil ibnu u, kelma ggib lill-ohra, is-Surgent u l-appellat spiccaw fl-idejn. Ghalkemm Mamo jichad li ta daqqa ta' ponn u qasam xofftejn is-Surgent, ma hemmx dubbju – u dan ikkonfermatu anke l-ewwel qorti fis-sentenza taghha – li hekk gara. Fil-fehma tal-Qorti tali agir kien jirrikjedi piena karcerarja b'effett immedjat.

"Issa, kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tispjega proprju fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** (li ghaliha rrefera l-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu, *vide supra*): "…bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz"."

Illi, tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 17(h), 95(1), 96(a), 221(1), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' seba' (7) xhur prigunerija.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' PC 1226 Silvan Pulis u PS 645 Gerald Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------